**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 838/97

John Cassar

vs

Chairman u Chief Executive AirMalta Company Limited u Selmun Palace Hotel Company Limited li giet kjamata fir-rikors b' digriet tal-15 ta' Dicembru 1999

Illum 25 ta' Settembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991 u 1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax varji Posts kif hawn taht imsemmija:-

(a) April 1991 - Post ta' Food and Beverage Manager mal-Maritim Selmun Palace Hotel, Selmun Mellieha.

(b) June 1991 - Post ta' Food and Beverage Manager mal-Maritim Selmun Palace Hotel, Selmun Mellieha.

(c) October 1995 - Post ta' Assistant General Manager in charge of Food and Beverage Operations mal-Maritim Selmun Palace Hotel, Selmun Mellieha.

Illi l-fatti tal-kazijiet kollha kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa ghandu esperjenza vasta f'dan il-mistier peress li kien ghamel zmien twil jghallem bhala Teacher fil-Food and Beverage Service fil-Hotel and Catering Studies Department fl-MCAST, Msida ghall-hames snin shah u sena u nofs ohra bhala Part-Time Lecturer II fl-Institute of Tourism Studies, St. Georges u kif ukoll kellu posizzjonijiet ta' Management Ezekuttiv mal-Lukandi Varji.

(a) Illi f'April 1991 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Food and Beverage Manager mal-Maritim Selmun Palace Hotel, Selmun, Mellieha. Illi huwa applika ghal dan il-post. Illi huwa attenda ghall-interview li saret fil-Maritim Selmun Palace Hotel Selmun, fis-17 ta' April 1991 u li kienet immexxija mill-General Manager tal-lukanda. Ghalkemm kien minnu l-fatt li l-Genera Manager tal-lukanda ammetta u accetta li l-applicant kellu l-Kwalifiki u l-Kwalitajiet kollha necessarji ghal dan il-post

minhabba l-fatt li kien l-Applikant innifsu li kien waqqaf u organizza l-istess Food and Beverage Operation, kif ukoll il-Purchasing u l-General Stores Department tal-lukanda meta fethet fis-sena 1981; huwa xorta wahda baqa jinsisti li il-Kandidat maghzul ried ikun kapaci jitkellem bil-lingwa Germaniza bil-kunfidenza. L-insistenza tal-General Manager, Mr. Nawatzki, kienet konferma cara li huwa ried jimpjega bniedem barrani ghalkemm dan ma kienx necessarju minhabba li din kienet posizzjoni amministrattiva. Illi huwa fatt konkret li l-Applikant innifsu kien okkupa din l-istess posizzjoni mal-istess lukanda ghall-tlett snin u nofs bejn 1981 u 1984. Illi huwa minnu wkoll hu l-fatt li wara l-interview, l-applikant ma rcieva l-ebda komunikazzjoni minghand id-direzzjoni tal-lukanda dwar l-izviluppi ta' din l-applikazzjoni. Dan zgur kien sar bi skop.

(b) Illi f'Gunju 1991 il-Maritim Selmun Palace Hotel regghet harget Call for Applications ghall-istess post ta' Food and Beverage Manager xahrejn biss wara li l-ewwel Call for Application li kienet harget f'April 1991 ma kinetx giet konkluza jew abolita mill-istess Board Amministrattiv tal-lukanda. Ghal din ir-raguni l-applikant m'applikax ghal din il-Call for Application minhabba l-fatt li huwa qatt ma gie infurmat u nnotifikat li l-ewwel applikazzjoni tieghu kienet giet invalidata jew abbolita ghal kollox. Illi huwa fatt importanti li din it-tieni call for application giet moghtija "a softer impact" fir-rigward it-termini u il-kundizzjonijiet. Il-kwistjoni tal-lingwa ma baqghetx tigi emfasizzata bhala obligatorja imma bhala "an essential asset". Illi huwa fatt li ma jista jmerieh hadd li persuna ta' nazzjonalita'

Germaniza gie migjub u mholl jahdem Malta fil-Maritim Selmun Palace Hotel ghall-erbgha xhur shah minghajr il-Permessi necessarji tal-Gvern. Fil-fatt il-Working Permit tieghu gie mahrug fil-31 ta' Ottubru, 1991. Illi huwa fatt ukoll li din il-persuna ma kelliex il-Kwalifiki Amministrattivi u l-esperjenza necessarja li tikkwalifika ghal dan l-Post Ezekuttiv ta' food and beverage Manager. Illi huwa fatt ukoll li skond il-Ligi tax-Xoghol l-ebda bniedem barrani ma jista jinghata impjieg f'Malta kemm il-darba dan ix-xoghol seta jsir minn persuna Maltija. Illi huwa fatt konkret u korrett ukoll li l-Applikant giebet l-attenzjoni ta' diversi persuni responsabbli fosthom is-Segretarju Parlamentari ghall-maritime Affairs, Dr. Joseph Fenech LL.D., M.P., u s-sur Frank Pullicino, Ufficjal fil-Ministeru tax-Xoghol li kkonferma li l-Ministeru tat-Turizmu meta gie mitlub il-kummenti tieghu f'dan ir-rigward ma kien sab l-ebda oggezzjoni ghal hrug tal-Working Permit ta' Roman Schwaiger. Illi huwa fatt li ma jista jikkontradixxieh hadd li l-kandidat maghzul ghal dan il-Post ta' Food and Beverage Manager ma tantx dam u kampa f'dan l-impjieg ghaliex f'inqas minn sena dan tilef il-job li nghata mill-Maritim Selmun Palace Hotel u kellu jaccetta a Middle Management Post ma lukanda ohra f'Malta bhala Assistant Food and Beverage Manager. Illi ghalhekk wiehed jista jikkonferma l-argument li l-applikant sofra kaz car ta' ingustizzja serja. Illi f'Ottubru 1995 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Assistant General Manager in charge of Food and Beverage Operations mal-Maritim Selmun Palace Hotel, Selmun Mellieha. Illi appena applika ghal dan il-Post, il-General Manager tal-lukanda baghat ghall-applikant biex

jattendi ghall-interview l-ghada li rcieva l-applikazzjoni tieghu. Illi huwa irrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu waqt l-interview. Illi huwa fatt li wara tlett gimghat l-applikant ircieva ittra minghand il-General Manager tal-lukanda fejn kien informah li l-process tal-ingagg ta''Executive Positions huma suggetti ghall-lengthy Process u li l-Applikant kien SHORT-LISTED ghal dan il-Post. Illi huwa fatt korrett ukoll li wara li ghaddew tlett xhur minghajr ebda notifika minn naha tal-lukanda, l-Applikant cempel lill-General Manager li filwaqt li deher konfuz ghall-ahhar, huwa gharrfu li fi ftit granet ohra huwa ser jiktiblu u jgharrfu bid-decizjoni finali. Illi huwa fatt korrett ukoll li fis-16 ta' Frar 1996 jgharfu bid-decizjoni finali. Illi huwa fatt korrett ukoll li fis-16 ta' frar 1996 l-applikant ircieva ittra minghand il-General Manager, Mr. Thomas Noll, fejn gharrfu li ghalkemm l-Esperjenza, il-Kwalifiki u l-Background tieghu fil-Hotel Trade huwa impressiv; pero' l-applikazzjoni tieghu "has been unsuccessful due to Re-Structuring of our Managerial Organisation."

(c) Hawnhekk wiehed jistaqsi "Kif iddecidew il-board tad-Diretturi li jbiddlu l-iStruttura tal-Management Organisation ftit wara li kienu ddecidew li jingaggaw "an Executive Assistant General Manager". Illi huwa fatt car li l-General Manager tal-Maritim Selmun Palace Hotel gie sfurzat "to drop my Candidature for this post". Huwa tajjeb li wiehed ikun jaf li fil-21 ta' April, 1996 l-istess Maritim Selmun Palace Hotel tirreklama ghar-reklutagg ta' Food and Beverage Co-Ordinator u fil-21 ta' Mejju 1996 tannunzja li ingaggat lis-Sur Michael Bonnici Soler bhala

General Manager tal-lukanda minghajr ma tohrog avviz jew Call for Application ghal dan il-Post. Ta' min jinnota li l-Maritim Selmun Palace Hotel tappartjenti Kumpanija Parastatali. Dawn ta' hawn fuq huma kazi carissimi ta' Ingustizzja kbira.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib provi dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir Gustizzja mieghu u jinghata l-appointment/s kif kien jisthoqqlu mid-dati msemmija hawn fuq, jew inkella jekk dan ir-Rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman u Chief Executive Air Malta Company Limited li eccepew:-

1.Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li r-rikorrent qatt ma kien impjegat mal-intimat izda ma' Selmun Palace Hotel Company Limited li fuqha l-intimat ma ghandu ebda kontroll fuq l-impjieg u l-Management taghha.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal permess it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda wkoll ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Ir-rikorrent kien impjegat ma Selmun Palace Hotel Company Limited bejn il-25 ta' Marzu 1981 sal-31 ta' Lulju 1983 u bejn it-13 ta' April 1987 sal-14 ta' Settembru 1987 kull darba li rizenja u dana dejjem ghamlu minn rajh u ghad-dannu tal-kumpanija.

b) Illi meta r-rikorrent applika ghal-post ta' Food and Beverage Manager f'April 1991, l-Management ha in konsiderazzjoni dawn il-fatti:-

i) li r-rikorrent diga rizenja darbtejn minn mal-kumpanija darba minnhom wara hames xhur biss mill-hatra.

ii) li r-rikorrent ma jafx bil-Germaniz u l-Germaniz huwa indispensabbli ghal-kariga tieghu stante li t-turisti li jigu fil-lukanda huma prattikament kollha mill-Germanja.

iii) Illi l-esperjenza tar-rikorrenti bhala teacher ma setghatx tigi kkonsidrata ghal post manigerjali bhala Food and Beverage Manager;

(c) Illi ghalkemm ir-rikorrent gie “Shortlisted” fl-applikazzjoni ta’ Ottubru 1995 dan ma jfissirx li kellu jigi maghzul.

(d) Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar il-General Manager li kien imgieghel iwaqqa l-kandidatura tar-rikorrent ghal post ta' assistant General Manager inkarigat mill-Food and Beverage Operations hija bla bazi u infondata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet permessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimati talbu lil dar it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimati.

Ra d-digriet tal-15 ta' Dicembru, 1999 li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza s-Socjeta' Selmun Palace Hotel Company Limited.

Ra r-risposta ta' Selmun Palace Hotel Company Limited li eccepiet:

Illi fil-15 ta' Dicembru 1999 is-socjeta' intimata giet notifikata bir-Rikors numru 838/97 fl-ismijiet fuq premessi wara li giet imsejjha fil-kawza bhala terza persuna ai termini ta' l-artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligiejiet ta' Malta).

Illi s-socjeta' intimata ai termini ta' l-artikolu 962 ta' l-istess Kodici citat qed tinqeda b'kull beneficcju illi l-Ligi taghti lill-

intimati l-ohra fil-kawza odjerna inkluz il-beneficcju li tipprezenta l-prezenti risposta.

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda minn dan t-Tribunal fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament ir-rikors odjern fl-ismijiet fuq premessi kif mizjuda b'digriet tal-15 ta' Dicembru 1999 u wara li s-socjeta' intimata giet imsejjha fil-kawza bis-sahha ta' l-istess digriet ma jistax jigi accettat that l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Att Nru VIII ta' l-1997) stante lil dan l-istess rikors sar wara li ghaddew sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Att imsemmi u dan ai termini ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Att.

2. Illi inoltre u bla hsara ghal premess it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda wkoll ghas-segwenti ragunijiet.

(a) ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' intimata f'zewg okkazjonijiet differenti u cioe' bejn il-25 ta' Marzu 1981 sal-31 ta' Lulju 1983 u bejn it-13 ta' April 1987 sal-14 ta' Settembru 1997 u f'dawn iz-zewg okazzjonijiet huwa rrizenja minn rajh u ghad-dannu tas-socjeta' intimata:

(b) is-socjeta' intimata kienet fiz-zmien ta' l-allegata ingustizzja gestita minn socjeta' estera u cioe' Maritim Hotelgesellschaft MBH in forza ta' Management Agreement li

bis-sahha ta' l-istess kuntratt, l-istess socjeta' estera kellha poteri diskrezzjonali wiesgha hafna inkluz fl-ghazla ta' l-impjegati u partikolarment dwar xi kwalifiki dawn l-impjegati kellhom jippossjedu:

(c) Meta r-rikorrent applika ghall-post ta' Food and Beverage Manager f'April 1991 il-Management tas-socjeta' intimata ha in konsiderazzjoni dawn il-fatti:

(i) illi r-rikorrent diga kien irrizenja darbtejn minn mas-socjeta' intimata f'okazzjoni minnhom wara li kien ilu hames xhur biss fl-impjieg.

(ii) illi r-rikorrent ma jafx bil-Germaniz u l-Germaniz huwa indispensabbli ghal kariga li kien applika ghaliha, stante li t-turisti li jigu fil-lukanda operata mis-socjeta' intimata huma prattikament kollha Germanizi.

(iii) Illi l-esperjenza tar-rikorrent bhala ghalliem ma setghetx tigi kunsidrat ghal post manigerjali bhala Food and Beverage Manager;

(iv) Illi ghalkemm ir-rikorrent gie shortlisted fl-applikazzjoni ta' Ottubru 1995 ma jfissirx li kellu jigi maghzul;

(v) Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar il-General Manager li kien imgieghel iwaqqa l-kandidatura tar-rikorrent ghal post ta'

Assistant General Manager inkarigat mill-Food and Beverage operations hija gratwita u bla bazi fattwali.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza is-socjeta' intimata talbet lil dan t-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi din il-kawza giet differita ghad-decizzjoni fuq il-punt sollevat mis- Selmun Palace Hotel Company Limited li preliminarjament ir-rikors odjern wara li s-socjeta' intimata giet imsejjha fil-kawza bis-sahha ta' l-istess digriet ma jistax jigi accettat taht l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Att Nru VIII ta' l-1997) stante li dan l-istess rikors sar wara li ghaddew sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Att imsemmi u dan ai termini ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Att.

Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997.

Illi jirrizulta li:

1. Ir-rikors gie presentat fit-12 ta' Novembru, 1997;
2. Fis-7 ta' Dicembru, 1999 ir-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' liema talba giet milqugha mit-Tribunal fil-15 ta' Dicembru, 1999;
3. Is-socjeta' kjamata fil-kawza giet notifikata fis-27 ta' Dicembru 1999 u fl-14 ta' Jannar 2000 giet intavolata r-risposta fejn giet issollevata l-eccezzjoni in ezami.

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:

"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Issa r-rikorrenti talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku is-socjeta' kjamata in kawza ma issollevatx din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-attur, izda f'dan il-kaz, is-socjeta' kjamata fil-kawza issollevat din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess socjeta' giet kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fis-7 ta' Diecmbru 1999 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta' ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero' li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tas-socjeta' kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimat l-iehor. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2 ta' Marzu, 2000, iddecida li korrezzjoni li taffetwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' kjamata fil-kawza u jilliberha.

Spejjez kontra r-rikorrent.

Jordna li l-kawza titkompla kontra s-socjeta' intimata u ghalhekk jiddifferixxi l-kawza ghall-kontr-ezami tal-affidavit tar-rikorrent ghall-5 ta' Frar, 2002 fl-10.00 a.m.